**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 87/13VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 9 ta' Mejju 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fil-kapacità taghha ta' eredi tad-defunt XXX fit-13 ta' Marzu 2011 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jikkancella u jirrevoka l-istimi mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront ta' XXX ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.10-30.09.10, 01.10.10-31.12.10 u 01.01.11-31.03.11, u li jaghti kull provvediment iehor xieraq u opportun, bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra d-dokumenti, ossia stimi, annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 5 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga minnu fil-konfront ta' XXX ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.10-30.09.10, 01.10.10-31.12.10 u 01.01.11-31.03.11 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) in linea preliminari l-appell odjern huwa rritu u null in kwantu tardiv u dan bi ksur ta' l-Artikolu 2(1)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) l-istimi mertu ta' l-appell ma humiex nulli peress illi d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma kellu l-ebda informazzjoni meta hareg l-imsemmija stimi li *t-taxpayer* kien gie nieqes. Tenut kont tat-tentattivi tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sabiex jikkomunika mat-*taxpayer* jew aventi causa tieghu, li ma kellhomx success, isegwi li huwa ghamel l-almu kollu tieghu u fil-fatt hareg tmien ittri minghajr risposta; *nemo ad impossibilia tenetur*; (iii) it-talba tar-Rikorrenti ghandha

tigi michuda in kwantu nieqsa minn kull fundament guridiku stante li *qua* eredi tat-*taxpayer* hija responsabbli ghall-hlas tat-taxxa hekk kif provdut fl-Artikolu 66(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) il-fatt li r-Rikorrenti awtorizzat lill-awditur taghha sabiex jitlob il-kancellament tan-numru ta' registrazzjoni tal-VAT ta' XXX huwa fih innifsu manifestazzjoni li hi eredi tat-*taxpayer* u ghalhekk solidalment responsabbli mieghu ghat-taxxa dovuta; (v) apparte l-fatt li ma jirrizultalux li qatt saret talba ghall-kancellament tan-numru ta' registrazzjoni tal-VAT ta' XXX, a tenur ta' l-Artikolu 42(2)(b) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, il-persuna koncernata ma tezimix ruhha mir-responsabilità taghha ai termini tal-Ligi meta tinkariga persuna ta' fiducja biex taghmel xi haga ghaliha u din tibqa' ma taghmilhiex; (vi) bhala *eredi* ai termini tal-Ligi tiskatta l-obbligazzjoni fuq ir-Rikorrenti li fiz-zmien preskritt tinforma lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li t-*taxpayer* miet u mhux imbaghad meta rinfaccjata bl-istimi tikkontendi li dawk l-istimi inhargu fil-konfront ta' persuna mejta, u dan kif jirrizulta mill-Artikolu 10(7)(a),(b) u (c) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendat bis-sahha ta' l-Att V ta' l-2012; (vii) sa' llum huwa ghadu ma rcieva l-ebda applikazzjoni da parte tar-Rikorrenti sabiex l-assi kollha tad-defunt XXX fin-negozju in kwistjoni jigu trasferiti f'isimha sabiex b'hekk tkun tista' tiggestixxi l-istess negozju minfloku. Ladarba n-numru tal-Karta ta' l-Identità tar-Rikorrenti kif indikat fir-Rikors promotur huwa zbaljat, ma tista' issir ebda verifika fir-rigward; (viii) fejn ir-Rikorrenti tilmenta li ma tistax tidhol fiz-zarbun tad-decujus minghajr ma jkollha l-opportunità li tara l-affaraijiet u tiddefendi ruhha, *ope legis* skond l-Artikolu 66(1) u (5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, dan hu li jigrilha *qua* eredi. Jekk hija kienet traskurata fil-gestjoni ta' hwejjigha *imputet sibi*. Bejn il-mewt ta' XXX u t-tqassim ta' l-istimi finali ghaddew sittax-il xahar, zmien ragjonevoli bizzejjed sabiex wiehed jiehu decizjoni mahsuba, bil-kwiet u bla ghaggla;

Ra d-dokumenti markati Dok. "DG1" sa' Dok. "DGK1" annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 13 sa' 23 tal-process;

Ra li waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2013[1], il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl ta' l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), tinghata sentenza fir-rigward ta' tali eccezzjoni preliminari qabel ma jigi trattat l-appell fil-mertu;

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013[2], il-partijiet kontendenti ivverbalizzaw li hemm qbil bejniethom li Sarah Cini hija t-tifla tar-Rikorrenti;

Sema' x-xhieda ta' Roderick Zammit Randich in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu a fol. 36 sa' 41 tal-process, sema' x-xhieda ta' Ramon Francalanza in rapprezentanza tad-Direttur

[1] Fol. 30 tal-process.
[2] Fol. 35 tal-process.
[3] Fol. 45 sa' 48 tal-process.

Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2013[4], ra d-dokumenti relattivi ghas-successjoni ta' XXX esebiti mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fit-2 ta' Dicembru 2013 a fol. 42 sa' 44 tal-process u ra d-Dikjarazzjoni Causa Mortis ta' XXX esebita mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fl-20 ta' Ottubru 2014 a fol. 56 sa' 59 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Fil-25 ta' Jannar 2013 id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) hareg stimi fil-konfront ta' XXX ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.10-30.09.10, 01.10.10-31.12.10 u 01.01.11-31.03.11 in forza ta' liema jesigi hlas tas-somma ta' €16,360.66 rapprezentanti taxxa dovuta tul l-imsemmija perijodi ta' taxxa, flimkien mas-somma ta' €3,272.13 rapprezentanti taxxa amministrattiva u mas-somma ta' €194.19 rapprezentanti imghax[5]. L-imsemmija stimi gew notifikati fis-7 ta' Frar 2013 lil Sarah Cini obo The Heirs of D. Reginiano fl-indirizz 52, St. Patrick, Triq il-Kullegg l-Antik, Sliema[6]. Mill-imsemmija stimi appellat ir-Rikorrenti, eredi tal-mejjet XXX, u titlob li l-istess jigu ikkancellati u revokati stante li: (i) in linea preliminari l-istimi in kwistjoni huma nulli w invalidi fil-Ligi in kwantu inhargu fil-konfront ta' XXX li gie nieqes fil-5 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk ghandha l-ewwel issir id-debita korrezzjoni u legittimazzjoni u sussegwentement jista' jinhareg l-*assessment* relattiv skond il-Ligi; (ii) fil-mertu, in-negozju ta' XXX, hu r-Rikorrenti, illum il-gurnata gie trasferit fuqha; (iii) in segwitu ghat-talba ghat-twaqqif tan-numru ta' registrazzjoni tal-VAT ta' XXX, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a tenur ta' l-Avviz Legali 318/04 hareg l-istimi mertu ta' dan l-appell; (iv) in segwitu ghal dan hija baghtet lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud formula ta' registrazzjoni fuq isimha personali bil-ghan li l-assi kollha li XXX kien jippossjedi fin-negozju tieghu jigu trasferiti fuq isimha sabiex b'hekk tkun tista' tibda topera u tiggestixxi l-istess negozju minflok huha; (v) una volta li tigi approvata t-talba taghha ghar-registrazzjoni mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u jsir it-trasferiment relattiv, l-istimi mertu ta' dawn il-proceduri jigu newtralizzati ai termini ta' l-Artikolu 16(1)(a)(b) u (c) tat-Tieni Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (vi) apparte minn dan kollu, l-istimi mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma hemm ebda raguni ghalfejn ghandhom jinhargu tali stimi u fi kwalunkwe kaz id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghandu jipprova kif u ghala wasal ghall-istess stimi; u (vii) fi kwalunkwe kaz hija zgur li ma tistax tigi ppregudikata u ma tistax tintefa fiz-zarbun tad-decujus minghajr ma kellha l-opportunità li tara l-affarijiet u

[4] Fol. 50 sa' 52 tal-process.
[5] Fol. 3 sa' 5 tal-process.
[6] Fol. 36 tal-process.

tiddefendi ruhha. Il-fatt li hija tinsab rinfaccjata bi stimi li jirreferu u/jew li hargu ghal negozju li kien gestit minn huha XXX, illum mejjet, minghajr ma kellha hjiel dwar l-istess, ifisser li hija qed tigi mcahhda mid-dritt tad-doppio esame.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi minnu mahruga fil-konfront ta' XXX ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.10-30.09.10, 01.10.10-31.12.10 u 01.01.11-31.03.11 u jitlob li l-istess jigi michud stante li: (i) in linea preliminari l-appell odjern huwa rritu u null in kwantu tardiv u dan bi ksur ta' l-Artikolu 2(1)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) l-istimi mertu ta' l-appell ma humiex nulli peress illi d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma kellu l-ebda informazzjoni meta hareg l-imsemmija stimi li *t-taxpayer* kien gie nieqes. Tenut kont tat-tentattivi tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sabiex jikkomunika mat-*taxpayer* jew aventi causa tieghu, li ma kellhomx success, isegwi li huwa ghamel l-almu kollu tieghu u fil-fatt hareg tmien ittri minghajr risposta; *nemo ad impossibilia tenetur*; (iii) it-talba tar-Rikorrenti ghandha tigi michuda in kwantu nieqsa minn kull fundament guridiku in kwantu *qua* eredi tat-*taxpayer* hija responsabbli ghall-hlas tat-taxxa hekk kif provdut fl-Artikolu 66(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) il-fatt li r-Rikorrenti awtorizzat lill-awditur taghha sabiex jitlob il-kancellament tan-numru ta' registrazzjoni tal-VAT ta' XXX huwa fih innifsu manifestazzjoni li hi eredi tat-*taxpayer* u ghalhekk solidalment responsabbli mieghu ghat-taxxa dovuta; (v) apparte l-fatt li ma jirrizultalux li qatt saret talba ghall-kancellament tan-numru ta' registrazzjoni tal-VAT ta' XXX, a tenur ta' l-Artikolu 42(2)(b) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, il-persuna koncernata ma tezimix ruhha mir-responsabilità taghha ai termini tal-Ligi meta tinkariga persuna ta' fiducja biex taghmel xi haga ghaliha u din tibqa' ma taghmilhiex; (vi) bhala *eredi* ai termini tal-Ligi tiskatta l-obbligazzjoni fuq ir-Rikorrenti li fiz-zmien preskritt tinforma lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li t-*taxpayer* miet u mhux imbaghad meta rinfaccjata bl-istimi tikkontendi li dawk l-istimi inhargu fil-konfront ta' persuna mejta, u dan kif jirrizulta mill-Artikolu 10(7)(a),(b) u (c) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendat bis-sahha ta' l-Att V ta' l-2012; (vii) sa' llum huwa ghadu ma rcieva l-ebda applikazzjoni da parte tar-Rikorrenti sabiex l-assi kollha tad-defunt XXX fin-negozju in kwistjoni jigu trasferiti f'isimha sabiex b'hekk tkun tista' tiggestixxi l-istess negozju minfloku. Ladarba n-numru tal-Karta ta' l-Identità tar-Rikorrenti kif indikat fir-Rikors promotur huwa zbaljat, ma tista' issir ebda verifika fir-rigward; (viii) fejn ir-Rikorrenti tilmenta li ma tistax tidhol fiz-zarbun tad-decujus minghajr ma jkollha l-opportunità li tara l-affaraijiet u tiddefendi ruhha, *ope legis* skond l-Artikolu 66(1) u (5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, dan hu li jigrilha *qua* eredi. Jekk hija kienet traskurata fil-gestjoni ta' hwejjigha *imputet sibi*. Bejn il-mewt ta' XXX u t-tqassim ta' l-istimi finali ghaddew sittax-il xahar, zmien ragjonevoli bizzejjed sabiex wiehed jiehu decizjoni mahsuba, bil-kwiet u bla ghaggla.

Waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2013[7], il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl ta' l-eccezzjoni dwar it-tardività ta' l-appell sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), it-Tribunal jaghti decizjoni dwar tali eccezzjoni qabel ma jittratta l-appell fil-mertu. Fid-dawl ta' dan ghalhekk din id-decizjoni hija limitata ghall-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

A tenur ta' l-Artikolu 2(1)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, appell minn stima ghandu jsir fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' l-istima li kontriha jsir l-appell. Mill-atti processwali jirrizulta li l-istimi in kwistjoni gew notifikati lil Sarah Cini ghan-nom ta' l-eredi tal-mejjet XXX fis-7 ta' Frar 2013[8], izda l-appell odjern gie intavolat mir-Rikorrenti, eredi ta' XXX, fit-13 ta' Marzu 2013[9]. Huwa in bazi ghal dawn iz-zewg fatturi li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi in kwistjoni huwa tardiv u per konsegwenza irritu u null. Madanakollu però meta l-fattispecie ta' dan il-kaz jigu kkunsidrati bil-mod debitu fid-dawl tal-provvedimenti ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), dan l-appell ma jistax jitqies tardive u per konsegwenza rritu u null.

Mill-Artikolu 73 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta johrog b'mod car li avviz mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi, inkluz ghalhekk stima, ghandu jigi notifikat lill-persuna koncernata jew personalment jew inkella permezz tal-posta. In kwantu rigwarda stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi ma hemmx dubju li l-persuna koncernata huwa t-*taxpayer* u/jew persuna meqjusa responsabbli *ope legis* ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali w imghax solidalment mat-*taxpayer*, u dana kif jirrizulta b'mod car mill-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament tas-subartikoli (1) u (3), **werriet tat-*taxpayer*** huwa meqjus responsabbli *ope legis* ghall-hlas tat-taxxa dovuta mit-*taxpayer* u konsegwentement ghalhekk meta d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikun, qabel il-hrug ta' l-istimi in kwistjoni, a konoxxenza tal-fatt li it-*taxpayer* ikun gie nieqes, dawk l-istimi ghandhom jigu notifikati lill-werriet tat-*taxpayer* jew personalment jew inkella permezz tal-posta. Hija **biss notifika ta' l-istimi in kwistjoni lill-werriet tat-*taxpayer*** li tista' u ghandha titqies bhala notifika valida ai termini tal-Ligi ta' dawk l-istimi.

Fil-kaz in ezami u mill-provi prodotti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) stess jirrizulta li huwa kien, qabel il-hrug ta' l-istimi hawn kontestati, a konoxxenza tal-fatt li XXX, it-*taxpayer*, kien gie nieqes. Dan johrog ferm car mill-korrispondenza mibghuta mid-Direttur Generali (Taxxa

[7] Fol. 30 tal-process.
[8] Fol. 36 tal-process.
[9] Fol. 1 u 2 tal-process.

fuq il-Valur Mizjud) datata 3 ta' April 2012[10], 11 ta' Mejju 2012[11], 21 ta' Mejju 2012[12], 31 ta' Lulju 2012[13], liema korrispondenza tipprecedi l-istimi provvizorji li inhargu fit-2 ta' Ottubru 2012 u li wkoll gew indirizzati lill-eredi ta' XXX[14] u naturalment l-istimi finali li nhargu fl-1 ta' Frar 2013 u li wkoll gew indirizzati lill-eredi ta' XXX, bl-ezatezza lil Sarah Cini ghan-nom ta' l-eredi ta' XXX[15].

Mix-xhieda ta' Ramon Francalanza, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2014[16] jirrizulta kif gie li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud beda jindirizza l-korrispondenza u eventwalment l-istimi provvizorji u l-istimi finali lill-eredi ta' XXX lil din Sarah Cini. Fir-rigward huwa xehed illi *dan infetah kaz biex jinhadem il-file tas-Sur XXX, il-file gie ghandi, bdejt nipprova nahdem il-kaz, bghatt l-ewwel ittra fuq l-indirizz 30, Flat 9, Kresta Flats, Triq l-Imrad, Ta' Xbiex. Dan huwa l-indirizz ta' l-accountants li kienu jzommu r-records tas-Sur Reginiano. L-ittra ntbaghtet, giet ircevuta ghax kelli d-delivery confirmation ukoll u komplejt billi ma rcevejt xejn u allura intbaghtet it-tieni ittra, sussegwentement, u t-tieni ittra giet lura bhala unclaimed. Cempilt lill-HRM International u ccekjajt maghhom u ghedtilhom ghaliex m'accettawx l-ittra jekk huma jzommu r-records tas-Sur Reginiano, qaluli li m'ghadhomx izommu r-records tas-Sur Reginiano ghax is-Sur Reginiano gie nieqes. Fil-file ma kien hemm l-ebda informazzjoni li gie nieqes, u qaluli li kien hemm xi hadd Sarah Cini, xi eredi li kienet qieghda tieghu hsieb xi haga, tawni email address, ippruvajt nikkuntattja lil Ms. Cini, bghattilha email, kif ukoll permezz tac-CDB, l-common data base, li hija sistema li nuzaw fic-civil, ahna sibna li s-Sur Reginiano kien gie nieqes u rnexxielna nintraccaw lil din Sarah Cini li tigi eredi tieghu. Sibna l-indirizz taghha, intbaghtet ittra wkoll lil Ms. Cini, l-email bqajna bla risposta u l-ittra giet delivered. Imbaghad ergajna pruvajna nibghatu ittra ohra, second notice, fuq indirizz Marsaxlokk lil Ms. Cini u l-ittra kienet unclaimed. Ergajna ppruvajna nibghatu second notice ohra ghax skoprejna indirizz iehor ta' Ms. Cini, li huwa 22, Vincenti Buildings, Flat 17, Triq id-Dejqa, Valletta, u hawn l-ittra giet delivered. Wasalna ghat-tielet notice, l-ahhar avviz nghidulu ahna. Dan gie mqassam minghand il-Vat Inspectors u ma ircevejna l-ebda dokumenti imbaghad hrigna l-provisional assessments. Dawn jinhargu meta ma nircievu l-ebda dokumenti w allura tinqata' t-taxxa li tkun giet mitluba. Il-provisional assessments intbaghtu fuq 22, Vincenti Buildings, Flat 17, Triq id-Dejqa, Valletta, u gew ritornati bhala insufficient address. L-ittra kien hemm fuqha label li kien hemm redirection u l-indirizz li qed jintuza fil-prezent kien 52, St. Patrick, Triq il-Kullegg l-Antik, Tas-Sliema u baghatna l-provisional*

---

[10] Dok. "H" anness mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[11] Dok. "G" anness mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), fol. 18 tal-process.
[12] Dok. "I" anness mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), fol. 19 tal-process.
[13] Dok. "J" anness mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mijzud), fol. 20 tal-process. Hawn is-sena hija indikata bhala 2011 izda mill-AR Card relattiva, Dok. "J1" a fol. 21 tal-process, jirrizulta li l-ittra effettivament inbaghatt fil-31 ta' Lulju 2012.
[14] Vide ittra datata 2 ta' Ottubru 2012, Dok. "L" anness mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[15] Fol. 36 u 37 tal-process.
[16] Fol. 50 sa' 52 tal-process.

*assessments hemm. Il-provisional assessments gew delivered f'dan l-indirizz f'Tas-Sliema, dejjem lil Ms. Cini, imbaghad wara certu zmien li ma rcevejna xejn iccekjajna mar-review section jekk Ms. Cini baghtitx xi request for review jew xi haga, izda ma ntabaght xejn, imbaghad inahrgu l-final assessments, li hija l-mod attwali kif tinqata' t-taxxa. Dawn intbaghatu 52, St. Patrick, Triq il-Kullegg l-Antik, Tas-Sliema.*

Minn din ix-xhieda jirrizulta li in bazi ghal informazzjoni frammentarja moghtija lill-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mill-*accountants* li kienu jiehdu hsieb il-kotba ta' XXX, liema informazzjoni kienet semplicement li *kien hemm **xi hadd** Sarah Cini, **xi eredi** li kienet qieghda tieghu hsieb **xi haga***, u minghajr ma ghamel il-verifiki ufficjali dwar min huma l-eredi attwali ta' XXX, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ipproceda bil-hrug ta' l-istimi in kwistjoni u bin-notifika ta' l-istess lil Sarah Cini, li però rrizulta li ma hijiex eredi ta' XXX jew imqar rapprezentant ta' tali eredi. Ladarba Sarah Cini ma hijiex eredi ta' XXX hija ma tistax titqies bhala rapprezentant tieghu ai termini ta' l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement in-notifika lilha ta' l-istimi finali ma tistax titqies bhala notifika valida ai termini ta' l-Artikolu 73 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jargumenta li r-Rikorrenti kienet fid-dover li tinforma lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bil-fatt li in segwitu ghall-mewt ta' huha XXX, in-negozju tieghu kien se jghaddi ghal fuqha *qua* eredi ta' l-istess. Fil-fehma tat-Tribunal però, f'dan il-kaz tali argument ma jregix ghall-fini li jirrendi n-notifika ta' l-istimi finali lil Sarah Cini notifika valida ai termini tal-Ligi. Ladarba kien il-Kummissarju li qed ifittex biex jinnotifika lill-eredi ta' XXX b'diversi avvizi u finalment bi stimi finali mahruga fil-konfront ta' l-istess Reginiano ghal liema l-eredi tieghu huma meqjusa responsabbli *ope legis*, kien jispetta lill-istess Kummissarju li b'mod ufficjali jaghmel il-verifiki u ricerki testamentarji mehtiega ghall-fini li jiddetermina u jsib min huma l-eredi attwali ta' XXX u mhux jipprocedi a bazi ta' informazzjoni frammentarja u per di più meta jirrizultalu li tali informazzjoni kienet zbaljata jipprova jixhet it-tort kollu fuq l-eredi vera e proprja ta' XXX.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, it-Tribunal iqis li n-notifika ta' l-istimi finali lil Sarah Cini ma tistax u ma ghandhiex titqies bhala notifika valida ai termini tal-Ligi li mid-data ta' l-istess jiskatta t-terminu ta' l-appell mill-imsemmija stimi, u per konsegwenza l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi in kwistjoni ma ghandux jitqies bhal tardiv u konsegwentement irritu u null.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tat-tardività sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u konsegwenement jordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tat-Taxxi.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**